



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 17 ta' Marzu 2014  
(OR. en)**

**6342/14  
ADD 1**

**PV/CONS 4**

**ABBOZZ TA' MINUTI**

---

Suġġett: **It-3292** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**AFFARIJET ĠENERALI**) li saret fi Brussell fl-10 ta' Frar 2014

---

## PUNTI TA' DELIBERAZZJONI PUBBLIKA<sup>1</sup>

Paġna

### DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

#### PUNTI "A" (dok. 6125/14 PTS A 6)

1. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm għall-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal- Unjoni Ewropea (Programm Hercule III) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE [L-ewwel qari] (AL + D) ..... 3
2. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE [L-ewwel qari] (AL) ..... 3
3. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 510/2011 bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO2 minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda [L-ewwel qari] (AL+D) ..... 4
4. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni [L-ewwel qari] (AL+D) ..... 5
5. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Akkwist Pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE [L-ewwel qari] (AL+D) ..... 6
6. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE [L-ewwel qari] (AL+D) ..... 7
7. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju [L-ewwel qari] (AL) ..... 7

\*

\* \*

---

<sup>1</sup> Deliberazzjonijiet dwar l-atti legiſlattivi tal-Unjoni (l-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea), deliberazzjonijiet oħra miftuħa għall-pubbliku u d-dibattiti pubbliċi (l-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).

## **DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

*(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)*

- 1. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm għall-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (Programm Hercule III) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE [L-ewwel qari] (AL + D)**

PE-CONS 39/13 GAF 27 FIN 324 CADREFIN 133 CODEC 1351

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ, bid-delegazzjoni tal-Isvezja tastjeni u d-delegazzjoni tar-Renju Unit tivvota kontra, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 325 tat-TFUE).

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni** **dwar l-Artikolu 13**

"Mingħajr preġudizzju għall-proċedura baġitarja annwali, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni tippreżenta fil-kuntest ta' djalogu strutturat mal-Parlament Ewropew rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament, inkluż it-tqassim tal-baġit kif stabbilit fl-Anness, minn Jannar 2015, u l-programm ta' ħidma lill-Kumitat responsabbli fil-Parlament Ewropew fil-kuntest tar-rapport PIF."

- 2. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm pluriennali tal-konsumaturi għas-snin 2014-2020 u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE [L-ewwel qari] (AL)**

PE-CONS 107/13 CONSOM 178 MI 914 CADREFIN 268 CODEC 2373

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 169 tat-TFUE).

**3. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 510/2011 bl-għan li jiġu ddefiniti l-modalitajiet biex tintlaħaq il-mira għall-2020 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda [L-ewwel qari] (AL+D)**

PE-CONS 106/13 ENV 965 ENT 290 CODEC 2362

+ COR 1

+ COR 2 (de)

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 192(1) tat-TFUE).

**Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni:**

**1. Il-mira tal-2025**

"Fit-twettiq tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha ta' mira għall-2025, il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-adattament ta' firxa ta' livelli/rati ta' ambizzjoni ta' tnaqqis, b'koerenza mal-għanijiet fit-tul tal-UE għall-klima u l-perkors meħtieġ tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Din il-valutazzjoni ser tkopri l-firxa ta' ambizzjoni mfittxa mill-Parlament Ewropew għal mira tal-2025 fil-medda ta' 105 g sa 120 g CO<sub>2</sub>/km, ekwivalenti għal tnaqqis ta' bejn 3-4 % fis-sena fir-rigward tal-medja tal-emissjonijiet għall-2012 minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda.

Jeħtieġ ukoll li l-valutazzjoni tal-impatt tqis firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet fosthom il-miri fit-tul tal-politika dwar il-klima, il-kosteffettività, il-kompetittività, id-disponibbiltà tat-teknoloġija, l-ekwità soċjali u n-newtralità rigward il-kompetizzjoni. Kwalunkwe konklużjoni milħuqa fil-valutazzjoni tal-impatt fil-livell adatt ta' ambizzjoni għal mira tal-2025 tkun teħtieġ li jiġu bilanċjati l-effetti fil-firxa tal-oqsma differenti vvalutati."

**2. WLTP**

"Il-Kummissjoni tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma li għaddejjja fil-qafas tal-UNECE, bil-għan li sal-1 ta' Jannar 2017 ikun hemm data ta' mira għal meta d-WLTP ikun operattiv għal tipi ġodda ta' vetturi. Il-ħidma tal-UNECE ilha għaddejjja sew, u sussegwentement il-Kummissjoni ser ikollha l-għan li timplimenta ċ-ċiklu tat-test u l-proċeduri tal-ittestjar ġodda fil-liġi tal-UE fl-2014."

**3. Dwar il-proċedura ta' adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni**

"Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li jiġi invokat l-Artikolu 5 § 4, is-subparagrafu 2, il-punt b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jittieħed f'każ ta' ħtieġa speċifika għal devjazzjoni mir-regola ta' prinċipju li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata ebda opinjoni. Peress li hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5 § 4 ir-rikors għas-subparagrafu 2, il-punt b), ma jistax jitqies sempliċement bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u b'hekk għandu jkun iġġustifikat."

**4. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni [L-ewwel qari] (AL+D)**

PE-CONS 73/13 MAP 69 MI 677 CODEC 1828

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 53(1), 62 u 114 tat-TFUE).

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

**dwar l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku, dwar l-Artikolu 36(2) tad-Direttiva dwar l-akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u tal-posta u dwar l-Artikolu 30(3) tad-Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni**

"L-Artikolu 18(2) tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku, l-Artikolu 36(2) tad-Direttiva dwar l-akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u tal-posta u l-Artikolu 30(3) tad-Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni huma stabbiliti fil-leġislazzjoni applikabbli eżistenti tal-Unjoni. Huma għandhom jiġu applikati f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u fid-dawl tal-prinċipji bażiċi tagħha, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni ta' operaturi ekonomiċi, inklużi operaturi ekonomiċi minn Stati Membri oħra.

Il-Kummissjoni ser timmonitorja mill-qrib l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet mill-Istati Membri u l-awtoritajiet/l-entitajiet kontraenti."

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

**dwar l-Artikolu 18 tad-Direttiva dwar il-Konċessjonijiet**

1. Skont l-Artikolu 18 u l-premessa 52 ta' din id-Direttiva, għal konċessjonijiet li jdumu aktar minn ħames snin, id-durata massima tal-konċessjoni ma għandhiex teċċedi ż-żmien li konċessjonarju jista' b'mod raġonevoli jkun mistenni jieħu biex jirkupra l-investimenti li saru biex jitwettqu x-xogħlijiet jew is-servizzi flimkien ma' redditu fuq il-kapital investit b'kont meħud tal-investimenti meħtieġa biex jinkisbu l-oġettivi kuntrattwali speċifiċi.
2. Sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni uniformi ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri ta' eżekuzzjoni nazzjonali tal-Artikolu 18, kif interpretati mill-Premessa 52, għandhom jipprevedu li d-durata tal-konċessjoni għandha tiġi stmata li tinkludi l-investimenti inizjali u dawk ulterjuri li jitqiesu meħtieġa għat-tħaddim tal-konċessjoni, b'mod partikolari l-infiq fuq l-infrastruttura, id-drittijiet tal-awtur, il-privattivi, it-tagħmir, il-loġistika, ir-reklutaġġ, it-taħriġ ta' persunal u l-ispejjeż inizjali."

## **Dikjarazzjoni mill-Awstrija**

"Dan il-pakkett ta' direttivi jirrevedi u jaġġorna l-qafas legali sħiħ fir-rigward tal-akkwist pubbliku. Minħabba r-rwol ċentrali li l-akkwist pubbliku għandu fil-prestazzjoni ekonomika globali tal-Unjoni Ewropea, il-kwalità u l-fehim ġuridiċi u lingwistiċi tal-qafas legali l-ġdid huma ferm importanti.

L-Awstrija tisħaq li, fil-preparazzjoni tal-verżjonijiet lingwistiċi tat-tliet Direttivi dwar l-akkwist pubbliku, għandu jitħalla żmien suffiċjenti, biex tkun tista' ssir traduzzjoni korretta u ta' kwalità għolja tal-inqas tal-verżjoni bil-Ġermaniż. L-Awstrija jiddispjaċiha għall-fatt li kien hemm tant pressjoni ta' żmien bla raġuni, b'mod partikolari peress li ma kienx jidher li kien hemm xi raġunijiet pressanti għal tali urġenza kbira, u peress li l-ambigwitajiet li b'hekk inqalgħu waqt il-produzzjoni tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti setgħu jipperikolaw l-objettiv tas-simplifikazzjoni tal-qafas legali għall-kuntratturi u l-operaturi ekonomiċi."

### **5. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Akkwist Pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE [L-ewwel qari] (AL+D)**

PE-CONS 74/13 MAP 70 MI 680 CODEC 1830

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 53(1), 62 u 114 tat-TFUE).

## **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

**dwar l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku, dwar l-Artikolu 36(2) tad-Direttiva dwar l-akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u tal-posta u dwar l-Artikolu 30(3) tad-Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni**

"L-Artikolu 18(2) tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku, l-Artikolu 36(2) tad-Direttiva dwar l-akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u tal-posta u l-Artikolu 30(3) tad-Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni huma stabbiliti fil-leġislazzjoni applikabbli eżistenti tal-Unjoni. Huma għandhom jiġu applikati f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u fid-dawl tal-prinċipji bażiċi tagħha, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni ta' operaturi ekonomiċi, inklużi operaturi ekonomiċi minn Stati Membri oħra.

Il-Kummissjoni ser tagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet mill-Istati Membri u l-awtoritajiet/l-entitajiet kontraenti."

## **Dikjarazzjoni mill-Awstrija**

"Dan il-pakkett ta' direttivi jirrevedi u jaġġorna l-qafas legali sħiħ fir-rigward tal-akkwist pubbliku. Minħabba r-rwol ċentrali li l-akkwist pubbliku għandu fil-prestazzjoni ekonomika globali tal-Unjoni Ewropea, il-kwalità u l-fehim ġuridiċi u lingwistiċi tal-qafas legali l-ġdid huma ferm importanti.

L-Awstrija tisħaq li, fil-preparazzjoni tal-verżjonijiet lingwistiċi tat-tliet Direttivi dwar l-akkwist pubbliku, għandu jitħalla żmien suffiċjenti, biex tkun tista' ssir traduzzjoni korretta u ta' kwalità għolja tal-inqas tal-verżjoni bil-Ġermaniż. L-Awstrija jiddispjaċiha għall-fatt li kien hemm tant pressjoni ta' żmien mhux raġonevoli, b'mod partikolari peress li ma kienx jidher li kien hemm xi raġunijiet pressanti għal tali urġenza kbira, u peress li l-ambigwitàjiet li b'hekk inqalgħu waqt il-produzzjoni tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti setgħu jipperikolaw l-oġettiv tas-simplifikazzjoni tal-qafas legali għall-kuntratturi u l-operaturi ekonomiċi."

### **6. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE [L-ewwel qari] (AL+D)**

PE-CONS 75/13 MAP 71 MI 681 CODEC 1831

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 53(1), 62 u 114 tat-TFUE).

Il-Kummissjoni u l-Awstrija għamlu d-dikjarazzjonijiet bħal dwar il-punt 5.

### **7. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jstabilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju [L-ewwel qari] (AL)**

– Qbil politiku

5480/14 COMER 16 PESC 60 CONOP 9 ECO 8 UD 17

ATO 7 CODEC 130

+ COR 1

+ ADD 1

+ ADD 1 COR 1

approvat mill-Coreper, Parti 2, fid-29.01.2014

Il-Kunsill ikkonferma l-qbil politiku dwar il-proposta għal Regolament ta' hawn fuq.